# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 5 t'Ottubru 2015**

**Rikors Numru : 760/2014/JPG**
**Kawza Numru: 22**

**L-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta**

**-VS-**

**A & B Marine Services Limited [C-48404]**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Awtorita' rikorrenti mahluf minn Dr. Christopher Spiteri tat-2 ta' Settembru 2014, li jaqra hekk:

1. *Illi nhar it-30 ta' Gunju, 2011 l-Awtorita' rikorrenti dahlet fi ftehim ta' Operation, Management and Control of A Yacht Marina in Tigne Sliema mal-kumpanija intimata A & B Marine Services Limited [**Dok A**].*

2. *Illi ai termini tal-kuntratt, li nghata wara proceduri ta' sejha ghall-offerti, il-kumpanija intimata nghatat konnessjoni sabiex tizviluppa u topera facilitajiet yacht marina gewwa Tigne ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2011, u t-30 ta' Settembru, 2019, versu l-hlas ta' concession fee annwali imhallsa kull sitt xhur bil-quddiem [Ara Artiklu 6.01].*

3. *Illi fis-Sajf tal-2012, il-kumpanija intimata avvicinat lill-Awtorita' u talbet li tithalla tittermina l-ftehim fuq imsemmi, in vista tal-fatt illi allegatament d-dhul taghha mill-operat kien ferm anqas milli kienet qed tanticipa.*

4. *Illi l-Awtorita' accettat illi l-ftehim jigi tterminat, kif fil-fatt sehh, b'dan li insistiet illi l-intimata thallas il-bilanc tal-concession fee li jkopri l-perjodu sa Dicembru 2012.*

5. *Illi prezentement ghadha dovuta s-somma ta' sbatax-il elf disa' mija u hamsa u ghoxrin Euro [Eur 17,925] konsistenti fi skadenza tal-concession fee ghall-perjodu mill-1 ta' Lulju , 2012 sal-31 ta' Dicembru,2012 li ilha dovuta sa mill-1 ta' Lulju, 2012 skond il-ftehim.*

6. *Illi l-intimata baqghet inadempjenti anke wara li giet notifikata b'ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 2013.*

7. *Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.*

8. *Illi ghal kull bwon fini jinghad illi l-Awtorita rikorrenti qed tadixxi din il-Qorti ghal rimedju nonostante li hemm klawzola arbitrali ghaliex kien jinkombi lill-intimata li tirreferi ghal arbitragg kwalunkwe "dispute, controversy or claim" waqt li kien vigenti l-kuntratt. Ladarba ma nvokatx din il-klazola, strettament m'hemmx dispute dwar il-kuntratt u ladarba l-istess kuntratt huwa terminat ir-rikorrenti tqis, in segwitu ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell [inkluz Calibre Industries Limited v Muscat Motors Limited] li dawn il-Qrati ghandhom gurisdizzjoni.*

*Ghaldaqstant, l-Awtorita attrici umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onora bbli Qorti joghgobha :*

(i) *Tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitrici tal-Awtoriti Ghat- Trasport f'Malta fis-somma ta' **sbatax-il elf disa' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€17,925)** konsistenti fi skadenza ta' concession fee ghall-perjodu mill-l ta' Lulju,2012 sal-31 ta' Dicembru,2012;*

*(ii) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita' attrici l-imsemmija somma ta'* ***sbatax-il elf disa' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€17,925).***

*Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru, 2013 u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-digiet taghha tal-4 ta'Settembru 2014 li bih fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh;

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta intimata minn Angelo Joseph Agius bhala Direttur tas-socjeta A & B Marine Services Limited C48404 tal-1 t'Ottubru 2014 (a fol. 36) li taqra hekk:

*"**A. Stqarrija tal-Eccezzjonijiet***

1. *Illi preliminarjament s-socjeta' intimata qed tecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti "ratione materae" u dana peress illi din hija tilwima direttament konnessa mal-ftehim bejn il-partijiet datat tletin (30) ta' Gunju 2011 liema ftehim fih klawsola arbitrali senjatament fil-klawsola numru 13.08;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont li qed titlob l-Awtorita' rikorrenti permezz ta' dina l-kawza assolutament m'huwiex dovut u dana peress illi l-ftehim de quo gie tterminat bi qbil bejn il-partijiet u s-socjeta' intimata ma ghanda taghti xejn aktar lil rikorrenti;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost se mai hija l-istess Awtorita' rikorrenti li ghandha taghti ammont sostanzjali lis-socjeta' intimata u dana billi skont il-klawsola 9.02 l-istess Awtorita', fit-terminazzjoni ta' dana l-ftehim, kellha l-obbligu li tixtri l-apparat kollu appartenenti lis-socjeta'*

*intimata in konnessjoni mal-marina li kienet qed topera, haga li ma avveratx ruhha u lanqas ma giet ikkumpensata ghall-uzu li qed taghmel minnhom l-istess Awtorita' mid-data tat-terminazzjoni sal-lum u ghalhekk is-socjeta' intimata qed tirrizerva minn issa kwalunkwe dritt spettanti lilha f'dan ir-rigward sabiex tipprocedi kontra 1-Awtorita rikorrenti fil-fora gudizzjali opportuni ;*

4. *Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti;"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-kwistjoni li qeghda in deliberazzjoni tirrigwarda eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, stante li Klawsola 13.08 tal-ftehim bejn il-partijiet (Dok. A li jinstab ezebit a fol. 6) tistabilixxi:

> *"Any dispute, controversy or claim arising out of, or is in connection with, this agreement shall be resolved by the Authority and the Operator by reference to arbitration according to the Arbitration Act.[1]"*- Vide fol. 26, Klawsola 13.08.

[1] *Act II of 1998*

**Ikkonsidrat:**

L-Awtorita' rikorrenti fir-rikors promotorju taghha tikkontendi illi l-kumpanija intimata, fis-Sajf ta' 2012, kienet avvicinat lill-istess Awtorita' sabiex tithalla tittermina l-ftehim (cioe' Dok. A) minhabba illi dhul taghha mill-operat kummercjali kien ferm anqas minn dak illi kien anticipat. L-Awtorita' kienet accettat li ttermina l-ftehim, pero insistiet li s-socjeta' intimata thallas il-bilanc tal-*concession fee* biex tkopri l-perjodu sa Dicembru 2012. Is-somma dovuta sa din id-data kienet ta' sbatax-il elf disa' mija u hamsa u ghoxrin Ewro [€17,925] li jirraprezenta l-*concession fee* mill-perjodu ta' l-1 ta' Lulju 2012 sal-31 ta' Dicembru 2012. Infatti l-Awtorita' rikorrenti kienet ipprocediet b'ittra ufficcjali tat-3 ta' Dicembru 2013, sabiex is-socjeta' intimata thallas l-ammont fuq indikat, izda s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti.

Di' piu l-Awtorita' rikorrenti adixxiet din il-Qorti ghal rimedju, minkejja l-Klawsola Arbitrali, 'l ghaliex kien jinkombi fuq is-socjeta' intimata li tirriferi l-kwistjoni ghall-Arbitragg skond il-Klawsola 13.08 tal-ftehim Dok. A, liema procedura ma gietx invokata mis-socjeta' intimata. Ghaldaqstant gialadarba s-socjeta' intimata ma invokatx din il-Klawsola, u ai termini tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Calibre Industries Limited vs Muscat Motors Limited** deciza fil-**25 ta' Frar 2005**, u gialadarba l-kuntratt gie terminat mill-partijiet, kienu l-Qrati ordinarji li kellhom il-gurisdizzjoni.

Dr. Robert Vassallo, a fol. 48 prodott mill-Awtorita' rikorrenti xhed illi huwa jahdem bhala *Legislation and Compliance Manager* fi hdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting mal-Awtorita' rikorrenti. Huwa ikkonferma il-ftehim Dok. A gie ffirmat bejn il-partijiet, u sostna li dan il-ftehim illum il-gurnata kien terminat, u li sa fejn jaf hu ebda proceduri t'Arbitragg ma gew inizjati mill-partijiet.

Minn naha l-ohra, s-socjeta' intimata tishaq fuq l-eccezzjoni preliminari ta' inkompetenza ta' dawn il-Qrati *ratione materiae*. Hija ssostni illi, ghal kuntrarju ta' dak ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Calibre Industries Limited vs Muscat Motors Limited** (ibid), fil-kaz odjern, l-Awtorita' rikorrenti **ma ghamlet ebda pass lejn il-procedura tal-Arbitragg,** ma ghamlet ebda stedina lis-socjeta' intimata biex tersaq ghal dawk il-proceduri li b'xi modd gie negat jew injorat mis-socjeta' intimata. Is-

socjeta' intimata tikkontedi li hija wiegbet l-ittra ufficcjali tal-Awtorita' rikorrenti kif jidher minn Dok. AC1 a fol. 44, ittra ufficcjali datata 18 ta' Marzu 2014.

**Ikkonsidrat:**

L-Arikolu 8 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> ***"(1)Qorti li tinġieb azzjoni quddiemha fi kwistjoni li tkun is-suġġett ta' ftehim ta' arbitraġġ għandha, jekk xi parti hekk titlob mhux iktar tard minn meta tagħmel l-ewwel dikjarazzjoni tagħha fuq il-meriti tat-tilwima, tirreferi lill-partijiet għall-arbitraġġ kemm-il darba ma tiddeċidix li l-ftehim huwa null u bla effett, inoperattiv jew li ma jistax jitwettaq."***
>
> ***(2) Meta tkun inġiebet azzjoni msemmija fil-paragrafu (1), il-proċedimenti ta' arbitraġġ jistgħu madankollu jinbdew jew jitkomplew, u tkun tista' tingħata deċiżjoni ta' arbitraġġ, filwaqt li l-azzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti.***

Di piu' l-Artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola:

> ***"Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva".***

Dawn il-klawzoli tal-ligi mhumiex inerentement konfliggenti izda juri l-ghaqal tal-legislatur Malti li gie mfisser fis-sentenza **George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 1998 gie ritenut:

> ***"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."***

**Ikkonsidrat:**

Illi skond il-gurisprudenza nostrali u precizament fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-**26 ta' Marzu 2010** fl-ismijiet **Avukat Simon Tortell** ***noe*** **vs G.S. Specialist Vehicles Ltd** ***et*** jirrizulta illi :

> ***"huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volontà libera tal-partijiet. … Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. … Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali."***

> Vide ukoll **Dr. Renato Cefai** ***nomine*** **vs Valletta Freight Services Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imh. Caruana Demajo fit-**30 ta' Marzu, 2001**; **Christopher Grech vs Joseph Cutajar** deciza fl-**1 ta' Dicembru, 2008**; **Noel Ellul nomine vs Joseph Bowman** nomine et deciza fil-**1 ta' Dicembru 2008**; **Calibre Industries Limited vs Slipform Engineering (Malta) Limited** deciza fis-**19 ta' Novembru 2007**; u **Edwin Vella vs Wilfred Mamo** ***noe*** deciza fit-**13 ta' Ottubru, 1989**.

Jinghad ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha **George Xuereb vs Accountant General** ***et*** deciza fit-**28 ta' Frar 1997**:

> ***"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."***
>
> **Vide ukoll sentenza** fl-ismijiet J**oseph Micallef** ***et*** **vs Jovin Rausi** ***noe*** deciza fis-**27 ta' Ottubru 2004**.

**Ikkonsidrat:**

Illi d-dover biex ssir l-istedina ghall-Arbitragg  huwa dover li jinkombi fuq il-partijiet kollha tal-ftehim partikolari  u tali stedina setghat saret minn kull wahda mill-kontendenti.

Di piu' minkejja li ma sarx ir-rikors ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 **qabel** ma gew prezentati l-eccezzjonijiet da parti tas-socjeta' intimata (Vide **Cobra Installations Limited  vs Stephen Caruana** deciza fl-**10 ta'Jannar 2012** , Magistrat Gabriella Vella.), l-Prim Awla tal-Qorti Civili stabbiliet, fis-sentenza **Canon Services Limited vs Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar** deciza fit-**12 ta' Dicembru 2002,** illi tali talba tista' ssir permezz t'eccezzjoni preliminari fuq il-klawzola arbitrali. Din giet

konfermata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **365 Entertainment Limited vs BossMedia Malta et** deciza fl-**10 ta' Lulju 2012**, citata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Panta Marketing & Services Limited vs AX Construction Limited** deciza fit-**3 ta' Dicembru 2010**:

> ***"Ghar rigward l-operat tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg, il-punt gie diskuss mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Cannon Services Ltd. vs Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, deciza fit-12 ta' Dicembru 2002. Din il-Qorti sejra tipproduci l-parti rilevanti tal-konsiderazzjonijiet relattivi ta' dik il-Qorti, peress li taqbel mall-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti. Intqal a propozitu:***
>
> ***"Fl-ahharnett, is-socjeta` attrici tissotometti li, skond l-Artikolu 15(3) tal-ligi dwar Arbitragg, ir-riferenza ghall-arbitragg trid issir "qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti", mentri f'dan il-kaz, ir-riferenza giet mitluba fit-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u tahseb li m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni rigida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-ligi hu intiz biex ma jinheliex zmien, u jekk il-kaz se jigi trattat f'Arbitragg, jekk jista' jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigh tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-kaz. Dak li hu importanti allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut, b'talba ad hoc, jitlob riferenza ghall-Arbitragg, izda li din ir-riferenza tigi mitluba l-ewwel haga. Kif inhi l-ligi hu permess li konvenut, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir-riferenza ghall-arbitragg, izda din it-talba mhux mehtieg li jsir hekk bil-fors, u tista' ssir b'talba imressqa fil-bidu ta' l-eccezzjonijiet"***

Fil-kaz odjern l-eccezzjoni dwar il-klawzola Arbitrali 13.08 giet sollevata u ttrattata fl-ewwel zewg seduti tal-proceduri odjerni minghajr ebda telf ta' hin.

Illi di piu', l-fatt illi l-kuntratt gie tterminat bi ftehim bejn il-kontendenti, ma jfissirx illi din il-Klawsola 13.08 spiccat fix-xejn u m'ghadhiex torbot lil kontraenti.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex Artikolu 32(2) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> ***"It-tribunal tal-arbitraġġ ikollu s-setgħa jiddeċiedi dwar l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt li klawsola ta' arbitraġġ tkun tinsab fih. Għall-għanijiet tal-artikolu 32, klawsola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi għal arbitraġġ skont din il-Parti għandha titqies bħala ftehim indipendenti mill-patti l-oħra tal-kuntratt. Deċiżjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ li l-kuntratt ikun null u bla effett ma għandhiex tkun tfisser ipso jure li l-klawsola ta' arbitraġġ tkun invalida ukoll."***

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata ta' inkompetenza *ratione materiae* in vista tal-Klawsola arbitrali u tordna t-twaqqif tal-procediment odjern bi spejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**